MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2006

Appell Kriminali Numru. 240/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. G. Azzopardi)**

**Vs.**
**Jurgen Xerri**
**Donna Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mizjuda b'digriet tal-15 ta' Gunju, 2006 talli :

**1) fil-gimghat ta' qabel l-4 t'April, 2006, wara nzul ix-xemx, f'Rahal gdid, ikkommettew serq ta' diversi prodotti tal-ikel, liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u l-valur li ma jeccedix l-elf lira (LM1000), sar ghad-dannu ta' John Cuschieri mill-Gharghur;**
**2) fil-gimghat ta' qabel l-4 t'April, 2006, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu**

**ghandhom jew xtraw hwejjeg u cioe' l-prodotti msemmija misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b' kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;**
**3) fis-27 ta' Mejju, 2006, f'xi hin wara nofsinhar, f'San Giljan, ikkommettew serq ta' diversi fliexken tax-xorb u oggetti ohra, liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz u l-valur li ma jeccedix l-elf lira (LM1000), sar ghad-dannu ta' Neville Papagiorcopula minn San Giljan;**
**4) fis-27 ta' Mejju, 2006, f'xi hin wara nofsinhar, f'San Giljan, ikkommettew serq ta' ghodod, liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz sar ghad-dannu ta' John Alfred Micallef minn San Giljan;**
**5) fis-27 ta' Mejju, 2006, f'xi hin wara nofsinhar, f'San Giljan, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fis-serraturi tal-bibien ta' garaxxijiet, liema hsara li teccedi l-ghaxar liri (LM10) izda hija inqas minn hamsin lira (LM50) saret ghad-dannu ta' Neville Papagiorcopulo u John Alfred Micallef, it-tnejn minn San Giljan**
**6) fit-3 ta' Gunju, 2006, f'xi hin wara nofsinhar, f'San Giljan, ikkommettew serq ta' diversi ghodod, liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz u l-valur li ma jeccedix l-elf lira (LM1000) sar ghad-dannu ta' Paul Graham John Hardy minn San Giljan;**
**7) fit-3 ta' Gunju, 2006, f'xi hin wara nofsinhar, f'San Giljan, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' fis-serratura ta' bieb ta' garaxx, liema hsara li ma teccedix l-ghaxar liri (LM10) saret ghad-dannu ta' Paul Graham John Hardy minn San Giljan;**
**Jurgen Xerri wahdu sar recidiv b'zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 21 ta'Jannar, 1998 u 27 ta' Jannar, 2005, liema sentenzi saru definittivi;**

**kif ukoll bi ksur tal-probation a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati b' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 14 ta' Lulju, 2005 u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu.**

**Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Gunju, 2006, li biha, wara li rat l-artikoli 261, 263, 267, 270, 325, 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta, sabet lill-appellati hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriehom u ghaldaqstant ordnat li jitqieghdu taht ordni ta' probation ghal zmien tlitt (3) snin u sentjen (2) rispettivament, ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-10 ta' Lulju 2006 li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta' htija fuq l-ewwel zewg akkuzi, ssib htija fuq l-akkuzi tlieta sa sebgha wkoll u konsegwentement tinfliggi l-piena skond il-ligi**

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravji tal-Appellant Avukat Generali huma s-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti, bi zvista, fis-sentenza taghha naqset li tikkonsidra l-akkuzi mizjuda w cioe' dawk indikati minn-numri 3 sa 7 u ghalhekk ma ddecidietx dwar dawn l-akkuzi, bil-konsegwenza li l-piena li nghatat ma tirriflettix il-gravita' u l-kontinwita' tal-akkuzi kollha . Illi fil-fatt il-piena kellha tkun wahda ta' piena karcerarja, specjalment in vista tal-fedina penali ta' Jurgen Xerri.

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-akkuza originali dedotta kontra l-appellati kienet tikkonsisti f' zewg akkuzi w cioe' akkuza ta' serq ta' diversi prodotti tal-ikel, kwalifikat bil-mezz, hin u l-valur kommess fil-gimghat ta' qabel l-4 t' April, 2006 u akkuza alternattiva ta' ricettazzjoni tal-istess oggetti. Inoltre l-appellat Jurgen Xerri kien akkuzat ukoll bl-**

**addebiti tar-recidiva kif ukoll bi ksur tal-kondizzjonijiet tal-probation ordnata b' sentenza ohra precedenti.**

**Illi mill-atti processwali jirrizulta li fl-udjenza tal-15 ta' Gunju, 2006, gie verbalizzat dan li gej :-**

*" meta issejhet il-kawza deher l-Ispettur Azzopardi ghall-Prosekuzzjoni u l-imputati assistiti minnn Dr. Franco Debono. Il-Prosekuzzjoni tablet addizjoni fl-akkuza, kif indikat b' nota esebita mill-Ufficjal Prosekutur. Il-Qorti tilqa' t-talba. Inqraw l-akkuzi kif illum mizjuda. Sar l-ezami tal-imputati. Il-Qorti tat-zmien rikjest fil-ligi sabiex l-imputati jikkonsidraw l-ammissjoni taghhom. Il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni w sentenza ghall-22 ta' Gunju, 2006. L-imputati qed jaghtu ruhom notifikati bid-differiment.".*

**L-imputazzjonijiet mizjuda kienu jirrigwardaw 3. akkuza ta' serq aggravat ta' diversi flixken tax-xorb fis-27 ta' Mejju, 2006 f' San Giljan , 4. serq ta' ghodod ukoll minn San Giljan fl-istess data, 5. akkuza ta' hsarat volontarji f' serraturi ta' bibien ta' garagijiet , 6. serq iehor aggravat bil-valur ta' diversi ghodod fti-3 ta' Gunju, 2006, f' San Giljan u 7. akkuza ohra ta' hsarat volontarji fil-garage ta' Paul Graham John Hardy minn San Giljan, fl-istess jum.**

**Fl-udjenza tat-22 ta' Gunju, 2006 , umbaghad gie verbalizzat hekk :-;**

*"Deher l-Ispettur u l-imputati assistit minn Dr. Franco Debono . Dehret omm l-imputat Xerri, Deciza."*

Fis-sentenza appellata pero', wara li gew riprodotti **<u>biss</u>** l-ewwel zewg akkuzi originali fuq imsemmija w l-addebiti tar-recidiva w ta' ksur tal-kondizzjonijiet tal-ordni tal-probation fil-konfront ta' Jurgen Xerri, jintqal testwalment hekk :-

*""Wara li rat l-ammissjoni tal-imputati, f' dan l-istadju tal-proceduri, wara li nghataw zmien xieraq skond il-ligi biex jikkonsidraw din l-ammissjoni taghhom….ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghdha ssib lill-imsemmija mputati*

*Jurgen Xerri u Donna Camilleri hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriehom u ghaldaqstant tordna li jitqieghdu taht Ordni ta' probation ghal zmien tlitt (3) snin u sentejn (2) rispettivament ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 448 tal-Ligijiet ta'Malta."*

Ikkonsidrat;

Li kif tinsab redatta s-sentenza minn imkien ma jirrizulta li l-Ewwel Qorti qieset w, inqas u inqas, li sabet htija jew xorta' ohra dwar l-akkuzi mizjuda fuq imsemmija.

Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;

**Illi f' dan il-kaz, billi fl-akkuzi kif riprodotti fis-sentenza appellata, ma jissemmewx il-hames akkuzi li gew mizjuda, gie li l-Ewwel Qorti ma qalitx il-fatti li taghhom l-imputati kienu qed jigu misjuba hatja.**

**Inoltre din il-Qorti ma tistax ma tosservax *"marte propria"* li l-Ewwel Qorti ma setghetx issib htija kemm tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni alternattiva ta' ricettazzjoni f' daqqa. Setghet issib htija jew ta' wahda jew tal-ohra, imma mhux tat-tnejn f' daqqa.**

**Ghaldaqstant, f'dan l-istadju, din il-Qorti trid, kif del resto qablu l-prosekuzzjoni w d-difiza, tannulla s-sentenza appellata w tibghat il-process lura lill-Ewwel Qorti biex jigi rettifikat dan in-nuqqas fis-sentenza appellata li jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti ma ddisponietx u ma ddecidietx dwar l-akkuzi kollha (inkluzi dawk mizjuda fl-ewwel dehra) dedotti kontra l-appellati.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata, w, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-*doppio esame*, qed tirrinvija l-atti processwali lill-Ewwel Qorti biex il-kawza tigi deciza mill-gdid skond il-ligi

fuq l-imputazzjonijiet u addebiti kollha dedotti kontra l-appellati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------